

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Ir-Regolament Brussell IIb - Kwistjonijiet Matrimonjali U Kwistjonijiet Ta' Responsabbiltà Tal-ġe...](#) > [Estonia](#)

Ir-Regolament Brussell IIb - Kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri (riformulazzjoni)

Estonja



Estonja

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

L-Artikolu 103(1) (a) (l-ewwel parti) - Awtoritajiet pubbliċi jew awtoritajiet oħra awtorizzati biex jistabbilixxu strument awtentiku msemmi fil-punt (2)(b) tal-Artikolu 2(2), u awtoritajiet pubbliċi awtorizzati li jirreġistraw ftehim imsemmi fil-punt (3) tal-Artikolu 2(2)

It-tfassil ta' strument awtentiku tat-tip imsemmi fl-Artikolu 2(2)(2)(b) huwa l-kompitu ta' nutar u medjaturi tal-familja. Lista ta' nutara tista' tinkiseb mis-[sit web](#) tal-Kamra tan-Nutara (*Notarite Koda*). Lista ta' fornituri ta' servizzi ta' medjazzjoni tal-familja ffinanzjati mill-Istat tinsab fis-[sit web](#) tal-Bord tal-Assigurazzjoni Soċjali (*Sotsiaalkindlustusamet*).

Ir-reġistrazzjoni ta' ftehim imsemmi fl-Artikolu 2(2)(3) hija l-kompitu tal-uffiċċju tar-reġistru ċivili tal-awtorità lokali taċ-ċentru tal-kontea (*maakonnakeskus*). Lista ta' dawn l-uffiċċji tinsab [hawnhekk](#).

L-Artikolu 103 (1) (a) (it-tieni parti) - Awtoritajiet amministrattivi li jagħtu l-għajnuna legali msemmija fl-Artikolu 74(2)

Bħalissa m'hemm l-ebda awtorità amministrattiva bħal din fl-Estonja. Fl-Estonja, is-servizzi min-nutara u mill-uffiċċji tar-reġistru ċivili mhumiex b'xejn.

L-Artikolu 103 (1) (b) (l-ewwel parti) - Qrati kompetenti biex joħroġu ċertifikati għal deċiżjoni skont l-Artikolu 36(1), u qrati u awtoritajiet kompetenti biex joħroġu ċertifikat għal strument awtentiku jew ftehim imsemmija fl-Artikolu 66

Fl-Estonja, il-ħruġ ta' ċertifikati għal deċiżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 36(1) huwa l-kompitu tal-qorti tal-kontea.

Iċ-ċertifikati għal strument awtentiku fformulat minn nutar, iċ-ċertifikati għal ftehim awtentiku fformulat minn uffiċċji tar-reġistru ċivili u ċertifikati għal ftehim tal-ġenituri konkluż u approvat fil-proċedimenti ta' medjazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 66, jistgħu jinħarġu minn nutar jew mill-uffiċċju tar-reġistru ċivili tal-awtorità lokali taċ-

ċentru tal-kontea jew mill-Bord tal-Assigurazzjoni Soċjali. Lista ta' nutara tinsab [hawnhekk](#), lista tal-uffiċċji tar-regjistru ċivili tinsab [hawnhekk](#), u l-lista tal-medjaturi tal-familja tal-Bord tal-Assigurazzjoni Soċjali tinsab [hawnhekk](#).

L-Artikolu 103 (1) (b) (it-tieni parti) - Qrati kompetenti biex jirrettifikaw iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 37(1), l-Artikolu 48(1) u qrati kompetenti biex joħorġu ċertifikat li jispeċifika n-nuqqas jew il-limitazzjoni ta' deċiżjoni ċertifikata msemmi fl-Artikolu 49; u qrati u awtoritajiet kompetenti biex jirrettifikaw iċ-ċertifikat, maħruġ skont l-Artikolu 66(1), imsemmi fl-Artikolu 67(1);

Fl-Estonja, ir-rettifika taċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 37(1) u fl-Artikolu 48(1) u l-ħruġ taċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 49 huma l-kompitu ta' qorti tal-kontea.

Ir-rettifika taċ-ċertifikat għal strument awtentiku mfassal minn nutar, kif imsemmi fl-Artikolu 67(1), hija l-kompitu ta' nutar. Lista ta' nutara tinsab [hawnhekk](#).

Ir-rettifika taċ-ċertifikat għal ftehim awtentiku mfassal minn uffiċċji tar-regjistru ċivili, kif imsemmi fl-Artikolu 67(1), hija l-kompitu tal-awtorità lokali taċ-ċentru tal-kontea. Lista ta' dawn l-uffiċċji tinsab [hawnhekk](#).

Ir-rettifika ta' ċertifikat għal ftehim tal-ġenituri fformulat minn fornitur ta' servizz ta' medjazzjoni tal-familja ffinanzjat mill-Istat hija l-kompitu tal-fornitur tas-servizz ta' medjazzjoni tal-familja. Lista ta' fornituri ta' servizzi ta' medjazzjoni tal-familja ffinanzjati mill-Istat tinsab [hawnhekk](#).

L-Artikolu 103 (1) (c) — Qrati kompetenti għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni (l-Artikolu 30(3)) jew għar-rifjut tar-rikonoxximent (l-Artikolu 40(2)), kif ukoll qrati u awtoritajiet kompetenti għar-rifjut tal-infurzar, għall-kontestazzjoni jew l-appell, u għall-kontestazzjoni jew l-appell ulterjuri msemmija fl-Artikoli 58(1), 61(2) u 62

It-talbiet previsti fl-Artikoli 30(3), 40(2) u 58(1) jiġu ppreżentati lill-qorti tal-kontea. It-talba prevista fl-Artikolu 61(2) tiġi ppreżentata lill-qorti distrettwali, u t-talba prevista fl-Artikolu 62 tiġi ppreżentata lill-Qorti Suprema.

L-Artikolu 103 (1) (d) — Awtoritajiet kompetenti għall-infurzar imsemmija fl-Artikolu 52

Fl-Estonja, l-uffiċjali ġudizzjarji huma kompetenti biex jeżegwixxu d-deċiżjonijiet. Ir-rikorrent jagħżel uffiċjal ġudizzjarju mill-inħawi fejn jgħix id-debitur. L-uffiċjali ġudizzjarji joperaw f'erba' distretti tal-qrati tal-kontej: Harjumaa, Pärnumaa, Tartumaa u Virumaa.

Lista ta' uffiċjali ġudizzjarji tista' tinkiseb mis-[sit web](#) tal-Kamra tal-Uffiċjali Ġudizzjarji u tar-Riċeventi f'Falliment (*Kohtutäiturite ja Pankrotihaldurite Koda*).

L-Artikolu 103 (1) (e) — Proċeduri ta' rimedju kontra deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut tal-infurzar imsemmija fl-Artikoli 61 u 62

Fl-Estonja, il-kontestazzjoni msemmija fl-Artikolu 61 tiġi ppreżentata lill-qorti distrettwali, u l-kontestazzjoni msemmija fl-Artikolu 62 tiġi ppreżentata lill-Qorti Suprema.

L-Artikolu 103 (1) (f) — Ismijiet, indirizzi u mezzi ta' komunikazzjoni għall-Awtoritajiet Ċentrali maħtura biex jassistu fl-applikazzjoni tar-Regolament fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri. F'każ li tinħatar aktar minn Awtorità Ċentrali waħda, il-ġuriżdiżjoni ġeografika u funzjonali ta' kull Awtorità Ċentrali għandha tiġi indikata kif imsemmi fl-Artikolu 76

Fir-rigward tal-Artikoli 77(1), 79(c), (d) u (e) u 81, l-awtorità ċentrali fl-Estonja hija:

Il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Diġitali

Suur-Ameerika 1, 10122 Tallinn

Posta elettronika: central.authority@justdigi.ee

Tel.: (+372) 620 8183, (+372) 620 8186, (+372) 620 8190

Fir-rigward tal-Artikoli 79(a), (b), (f) and (g), 80 u 82, l-awtorità ċentrali fl-Estonja hija:

Il-Bord tal-Assigurazzjoni Soċjali (*Sotsiaalkindlustusamet*)

Paldiski mnt 80, 15092 Tallinn

Posta elettronika: info@sotsiaalkindlustusamet.ee

Tel.: +372 612 1360

L-Artikolu 103 (1) (g) — Jekk applikabbli, kategoriji ta' qraba stretti, minbarra ġenituri, li magħhom il-minuri jista' jitqiegħed fit-territorju ta' Stat Membru, mingħajr il-kunsens minn qabel ta' dak l-Istat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 82

Fl-Estonja, jekk ma jkunx hemm kunsens minn qabel, it-tfal jistgħu jitqiegħdu biss ma' ġenitur.

L-Artikolu 103 (1) (h) — Lingwi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għajr il-lingwa ta' Stat Membru, li fihom jistgħu jiġu aċċettati komunikazzjonijiet lill-Awtoritajiet Ċentrali tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 91(3))

F'konformità mal-Artikolu 91(3), l-awtoritajiet ċentrali tal-Estonja jaċċettaw komunikazzjonijiet bl-Estonjan kif ukoll bl-Ingliż.

L-Artikolu 103 (1) (i) — Lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet ta' talbiet u dokumenti li jakkumpanjawhom mibgħuta skont l-Artikoli 80, 81, 82 u ta' partijiet b'test liberu taċ-ċertifikati kif imsemmi fl-Artikolu 91(2)

F'konformità mal-Artikolu 91(2), il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet ta' talbiet u ta' dokumenti li jakkumpanjawhom msemmin fl-Artikoli 80, 81, 82 u tal-kampi tat-test liberu taċ-ċertifikati huma l-Estonjan u l-Ingliż.

■ L-aħħar aġġornament: 24/01/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.